31992R3714

23.12.1992 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 378/23

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI Nru 3714/92

tat-22 ta' Diċembru 1992

li jemenda ċerti Regolamenti dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/79 tal-5 ta' Frar 1979 dwar il-proċedura għall-aġġustament tan-nomenklatura tat-Tariffa Komuni Doganali wżata għal prodotti agrikoli [1], kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 3208/89 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) ta' l-istess Regolament,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur [3], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1235/89 [4], u b'mod partikolari l-Artikoli 5(3) u 9 (3) ta' l-istess Regolament,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3763/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 li jdaħħal miżuri speċifiċi fir-rigward ta' ċerti prodotti agrikoli għall-benefiċċju tad-dipartimenti barranin Franċiżi [5], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) ta' l-istess Regolament,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1600/92 tal-15 ta' Ġunju 1992 dwar miżuri speċifiċi għall-Ażores u il-Madeira li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti prodotti agrikoli [6] u b'mod partikolari l-Artikolu 10 ta' l-istess Regolament,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/92 tal-15 ta' Ġunju 1992 dwar miżuri speċifiċi għall-Gżejjer Kanarji fir-rigward ta' ċerti prodotti agrikoli [7] u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4) ta' l-istess Regolament,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2505/92 tal-14 ta' Lulju 1992 li jemenda l-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali [8] jiddisponi għal subdiviżjoni għal tjur ħajjin ta' l-ispeċi *Gallus domesticus* li ma jeċċedux il-185 g koperti mill-kodiċi NM subtitolu 0105 11 u għal fwied bix-xaħam frisk jew imkessaħ kopert bis-subintestatura 0207 31 b'effett mill-1 ta' Jannar 1993;

Billi l-miżuri li hemm provvediment għalihom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni dwar il-Bajd u l-Laħam tat-Tjur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 572/73 tas-26 ta' Frar 1973 li jistabbilixxi l-prodotti tal-bajd u tal-laħam tat-tjur eliġibbli għall-iffissar minn qabel ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni [9], il-kodiċi NM 0105 11 00 qed jiġi b'dan sostitwit bil-kodiċi NM 0105 11.

2. Fl-Artikoli 1(1) u 5 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75, il-kodiċi NM 0207 31 00 qed jiġi b'dan sostitwit bil-kodiċi NM 0207 31.

3. Fl-Annessi I u II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2778/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 li jistabbilixxu r-regoli għall-kalkolu tat-taxxa u l-prezz fis-sieqja tal-laħam tat-tjur [10], il-kodiċi NM 0105 11 00 qed jiġi b'dan sostitwit bil-kodiċi NM 0105 11.

4. Fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3011/79 tal-20 ta' Diċembru 1979 li jiffissa l-koeffiċjenti għall-kalkolu tat-taxxi fuq prodotti derivati mil-laħam tat-tjur u t-tħassir tar-Regolament Nru 199/67/KEE [11], il-kodiċi NM 0207 31 00 qed jiġi b'dan sostitwit bil-kodiċi NM 0207 31.

5. Il-kodiċi NM ex 0105 11 00 qed jiġi b'dan sostitwit bil-kodiċi NM ex 0105 11

— fl-Artikolu 4(1)(f) tar-Regolament (KEE) Nru 3763/91,

— fl-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament (KEE) Nru 1600/92 u Nru 1601/92,

[1] ĠU L 34, 9.12.1979, p. 2.
[2] ĠU L 312, 27.10.1989, p. 5.
[3] ĠU L 282, 1.11.1975, p. 77.
[4] ĠU L 128, 11.5.1989, p. 29.
[5] ĠU L 356, 24.12.1991, p. 1.
[6] ĠU L 173, 27.6.1992, p. 1.
[7] ĠU L 173, 27.6.1992, p. 13.
[8] ĠU L 267, 14.9.1992, p. 1.
[9] ĠU L 56, 1.3.1973, p. 6.
[10] ĠU L 282, 1.11.1975, p. 84.
[11] ĠU L 337, 29.12.1979, p. 65.

— fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1726/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 li jistabbilixxi regoli implimentattivi dettaljati dwar miżuri speċifiċi għall-fornitura ta' prodotti mis-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur lill-Azores u lil Madeira [1],

— fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1729/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 li jistabbilixxi regoli implimentattivi dettaljati dwar miżuri speċifiċi għall-fornitura ta' prodotti mis-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur lill-Gżejjer Kanarji [2],

— fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2826/92 tad-29 ta' Settembru 1992 li jistabbilixxi regoli implimentattivi dettaljati dwar miżuri speċifiċi għall-fornitura ta' prodotti mis-setturi tal-bajd, tal-laħam tat-tjur u tal-fniek lid-dipartimenti barranin Franċiżi [3],

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament għall-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1992.

Għall-Kummissjoni
Ray MAC SHARRY
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 179, 1.7.1992, p. 99.
[2] ĠU L 179, 1.7.1992, p. 107.
[3] ĠU L 285, 30.9.1992, p. 10.